MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2012

Numru. 176/2010

**Il-Pulizija**
**(Sp Dennis Theuma)**

**vs.**

**Simon Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Simon Camilleri ta' 28 sena iben Grazio u Maria nee' Aquilina mwielda Pieta fl-24 ta' Settembru 1980 residenti 50 Triq San Tumas Hamrun, detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru ID 432980 (M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fis-7 ta' Settembru 2008 u fis-snin ta' qabel din id-data:

(a) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

(b) kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

(c) kellu fil-pussess tieghu d-droga methadone specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u

naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
(d) kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(A) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Wara li rat u semghet il-provi u t-trattazzjoni dwar il-piena,

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fatt li huwa ikkopera mal-pulizija u l-fatt li ghalkemm il-fedina penali tieghu m'hix netta, lanqas hi allarmanti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 8 (a), 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939 issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, izda fid-dawl tal-

konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni ta' Probation hawn anness, u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' Probation jew jekk jonqas illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta' din l-Ordni.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-registratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------